Nru. 618

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Strument ta' Delega mill-Awtorità ta' l-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u għall-finijiet ta' l-artikoli 45, 50 u 51 sa 55 ta' l-istess Att, l-Awtorità ta' l-Ippjanar qiegħda b'din tikkonferma d-delega ta' dawn il-poteri u funzjonijiet imsemmijin f'dawn l-artikoli lid-Direttur ta' l-Ippjanar u lil kull uffiċjal ieħor delegat mill-istess Direttur, liema delega kienet ġiet approvata b'riżoluzzjoni tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar fl-4 ta' April, 1996. F'din ir-riżoluzzjoni ġie kkonfermat illi dawn il-poteri u funzjonijiet użati mid-Direttur ta' l-Ippjanar saru bil-kunsens u l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar mid-data tal-ħatra tiegħu bħala Direttur ta' l-Ippjanar.

It-13 ta' Lulju, 2001

No. 618

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Instrument of Delegation by the Planning Authority

IN exercise of the powers conferred on it by subarticle (4) of article 5 of the Development Planning Act, and for the purpose of articles 45, 50 and 51 to 55 of the same Act, the Planning Authority is hereby confirming the delegation of these powers and functions stated in these articles to the Director of Planning and to every other official delegated by the same Director, which delegation was approved by resolution of the Planning Authority Board on the 4th April, 1996. In that resolution it was confirmed that the powers and functions exercised by the Director of Planning were made with the consent and authorisation of the Planning Authority from the date of his appointment as Director of Planning.

13th July, 2001